**MINUTI**
**KUNSILL LOKALI IX-XEWKIJA**
**IS-SEBA' KUNSILL - LAQGĦA NUMRU 4**
**8 ta' Mejju 2013 fis-7:00p.m.**

Il-Membri tal-Kunsill Lokali tax-Xewkija ltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill u l-laqgħa bdiet fis-7:00 p.m.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sur Paul Azzopardi | Sindku |
| Dr Monica Vella | Viċi-Sindku |
| Sinjura Jeanelle Attard | Kunsilliera |
| Sur George Zammit | Kunsillier |
| Sur Domenic Zerafa | Kunsillier |

**Uffiċjali:**

| | |
|---|---|
| Sinjura Sue-Ellen Bugeja | Segretarju Eżekuttiv |

1. **Minuti 454**

   Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 2 kienu tqassmu qabel u għalhekk ġew mgħoddija bħala moqrija u ġew approvati unanimament.

2. **Toroq tal-PPP**

   Kien hemm prezenti il-Perit Saliba. Il-Perit Saliba qal li x'hin kien qed jerġgħa jara l-kontijiet tat-toroq taħt l-iskema tal-PPP kien sab li kien hemm xi diskipanza fl-amounti. Hu ghandu jara sew dawn il-kontijiet u jerġgħa jgħaddihom lis-Segretarja. Dr. Monica Vella qalet li l-kunsill ġie mitlub tletin elf aktar mill-istima tiegħu. Dr. Monica Vella qalet li l-kunsill ta' qabel tagħlab rapport lilu biex jispjega din id-differenza izda d-dokument li ipprezenta ma kienx rapport u mingħajr spjegazzjoni ta' xejn. Dr. Monica Vella qalet li rapport aktar fid-dettal għandu jiġi prezentat lill-kunsill. Il-Perit Saliba qal li hu certu xogħolijiet ma jkunx jaf bihom qabel jibdew ix-xogħolijiet u li l-istimi dejjem ivarjaw. Il-Perit Saliba qal lill-Kunsill li hu ser jagħmel rapport fid-dettal u jgħaddih lis-Segretarja. Ġorġ Zammit qal li meta l-ammont ikun ser jaqbez it-10% aktar mill-istima għandu jiġi infurmat il-kunsill immedjetament b'dan mill-perit inkarigat. Dr

Monica Vella qalet li l-kunsill qatt ma ġie avzat u qatt ma ta l-go ahead fuq din l-ħaġa.

2. **Hatra ta' Board ta'Aġġudikar**

Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li hemm il-bzonn li jsir board magħmul minn nies li jigwidaw lill-Kunsill fl-aħjar għazla ta' offerti u imbgħad xorta l-għazla tkun f'idejn il-Kunsill. Dr. Monica Vella issuġerit li ikun hemm board differenti ghal kull offerta biex dejjem ikun hemm nies esperti għal skond xi tkun l-offerta. Is-Sindku qal li peress li dawn huma nies volontarja mhux ser ikun facli li jinsabu għal kull offerta biss jekk ma jinstabux in-nies jibqa l-istess board. Il-Kunsill qabel ma' dan.

3. **Fiori D'Argenta 2013**

F'dan il-mument ħareġ il-Kunsillier Ġeorge Zammit. Is-Sindku qal li għandhom jitqabbdu nies biex jgħinu f'din l-attivita' peress li tinvolvi ħafna xogħol. Dr.Monica Vella qalet li s-soltu jiġu involuti ghaqdiet tar-rahal u jiġu b'idejat tagħhom. Hi qalet li l-attivita' għandha tibqgħa f'idejn il-Kunsill. Is-Sindku issuġerixxa li għandhom jitqabbdu tlieta minn nies biex jgħinu f'din l-attivita' li huma Teddy Mizzi, Charlie Zammit u Charlie Vella. Il-Kunsill qabel. Ser jinħareġ poster tad-defile taz-zwiemel biex jibdew jinkitbu il-participanti. Il-Kunsill ser jagħmel kuntatt ma' l-għaqdiet rigward l-ikla tradizzjonali.

4. **Rendikont Finanzjaru tal-Kunsill**

Dr. Monica Vella staqsiet jekk ir-rendikont tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill kienx tlesta. Is-Sindku qaliha li l-Accountant Joe Cordina ġie infurmat u ser jibda jaħdem fuqhom. Il-Vici Sindku staqsiet lill-Kunsill prezenti li hi trid tkun cara li x-xogħolijiet li għamlu l-Kunsill ta' qabel hux ser jiġu imwettqa? u li l-flus li ġemma' l-kunsill ta' qabel għal tlett proġetti li huma-Toroq taħt l-iskema tal-PPP, Latrina fi Pjazza San Ġwann Battista u l-bankini fl-area tal-Hamrija. Is-Sindku qal li din id-decizjoni titieħed meta il-Kunsill ikollu rendikont cara tas-sitwazzjoni finanzjara tal-Kunsill u imbghad jaraw jekk il-proġetti għandhom isiru jew le. Il-Vici Sindku qalet li il-Financial Statements bid-data ta' Dicembru 2012 jirrizulta car li l-Kunsill kellu cash in bank and hand l-ammont ta' 338,00 euro. Is-Sindku qal li l-ewwel issir ir-rendikont u imbghad titieħed decizjoni wara. Domenic Zerafa qal li hu jaqbel mas-Sindku. Jeanelle Attard qalet li hi ma taqbilx li issir il-Latrina fi Pjazza San Gwann Battista. Jeanelle qalet li kieku aħjar issir rampa minflok lift peress li dan jinvolvi ħafna spejjes. Il-Vici Sindku spjegat li l-KPND m' accetatx u l-fondi ta' l-iskema accessibilta' aħjar ser jiġu mogħtija biss fuq il-lift. Jeanelle qalet li r-residenti tal-Pjazza ma jaqblux li issir kamra tal-lift quddiem tagħhom. Il-Vici Sindku qalet li din il-problema ġiet solvuta mar-residenti u l-perit mar fil-post u spjega kollox lir-residenti. Hi kompliet tispjega li

il-kamra tal-ħġieġ u mhux ser tgħatti l-veduta tal-pjazza u li ser tigi bejn it-twieqi ta' zewġ residenti. Is-Sindku qal li sar kuntatt reġgħa mal-WSC u l-LA ser toħroġ daqt fi zmien qasir.

5. **<u>Approvazzjoni ta' ħlasijiet</u>**

Il-Vici Sindku ma qablitx li jsir approvazzjoni tal-kontijiet u li tibqgħa mad-decizjoni tagħha li sa x'hin issir ir-rendikont m'għandhomx jitgħaddew il-kontijiet. Is-Sindku fliemkien mal-Kunsilliera l-oħrajn ma qablux ma' dan u approvaw l-ħlasijiet kif jidher mill-iskeda annessa mal-minuti.

6. **<u>Korrispondenza: il-korrispondenza ġiet ċirkulata u diskussa</u>**

**Mill-Korrispondenza**

i. Ittra mingħand VictoriaScout Group rigward biex issir attivita' fil-Gnien ta' Blankas. Il-Kunsill qabel.

ii. Ittra mingħand Dipartiment Proprjeta tal-Gvern dwar zball li sar minn naħa tagħhom fil-beleveder tal-Manwala. Il-Perit Saliba ġab pjanta oħra biex tintbgħad bit-tibdiliet.

iii. E-mail mingħand Robert Naudi EU Fund Officer rigward bdil fuq il-Perit inkarigat fuq il-Kamra ta' Gnien ta' Blankas. Il-Vici Sindku ġibdet l-attenzjoni li hi ma taqbilx li jinbidel il-perit. Il-Vici Sindku staqsiet x'kien ġara mit-tender li kienet reġgħet inħarġet fuq ir-restawr tal-bini tal-kamra. Is-Segretarja infurmata li kienu ġew jistaqsu għalija xi kuntraturi u staqsew xogħol kienet tikkonsisti din l-offerta, meta hi fehmithom is-sitwazzjoni dawn ma ġabruhiex.

iv. Ittra mingħand Radu Gheorghe dwar biex il-kunsill jixtri aktar apparat għal korsijiet tal-ezercizzji. Il-Kunsill ma qabilx peress li kien ġa xtara affarijiet fil-passat.

v. Ittra mill-MEPA dwar l-Intrpretation Centre u l-Latrina fil-Ġnien ta' Blankas. Is-Segretarja għandha tagħmel kuntatt mal-Perit Lino Bianco.

vi. Ittra mingħand id-Dipartiment għal Gvern Lokali dwar fondi li l-Kunsill ser jieħu fuq Memo 49/2012- Skema dwar Inizjattivi Sportivi fil-lokalitajiet 2013.

vii. Ittra mingħand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar Memo 45/2012 – Skema ta' Finanzjament ta' Inizjattivi Specjali 2013 rigward li ma kinetx ġiet ikkunsidrata l-applikazzjoni tal-Kunsill.

viii. Ittra mingħand MCCAA dwar spezzjoni fuq il-playing fields.

ix. Ittra mingħand is-Socjeta Filarmonika Prekursur rigward reklam għal fuq il-ktieb tal-Festa ta' San Ġwann Battista. Il-Kunsill qabel li dan għandu issir bi prezz ta 170 euro.

x. Ittra mingħand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar fondi fuq il-Latrina fil-Pjazza San Ġwann Battista ta' 6,500 li għandhom ma intuzawx peress li x-xogħol ma setgħax jitkompla minħabba l-ħsara fil-katusa tad-drenaġġ.

xi. Cirkulari AKL Cirk 30/2013 dwar Laqgħa għas-Sindki u l-Vici Sindki fil-31 ta' Mejju u 1 ta' Ġunju 2013. Is-Segretarja ġiet informata mingħand is-Sindku u l-Vici Sindku li ser jattendu, is-segretarja ser tagħmel il-ħlasijiet neċessarji.

xii. Ittra mingħand id-Dipartiment għal Gvern Lokali rigward ammont pendenti li għandu jitħallas lill-Wasteserve. L-ammont ser jitnaqqas mill-allokazzjoni li jmiss.

xiii. Ittra mingħand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali rigward l-arretrati li għandha tiegħu b'lura s-Segretarja Ezekuttiva.

xiv. Ittra mingħand Micheal Galea rigward publikazzjoni ta' ktieb. Il-Kunsill qabel li għandu jinxtara zewġt kotba.

**xv.** Ittra minghand Segretarjat Parlamentari għal Presidenza UE 2017 u għal Fondi Ewropej dwar applikazzjoni ERDF 325 li l-Kunsill kien applika. Is-Segretarja infurmathom li l-Kunsill għadu interessat.

**xvi.** Ittra mingħand il-MEPA dwar belveder fi Triq il-Horob.

**xvii.** Cirkulari 29/2013 dwar Progett Youth in Action

**xviii.** PQ numru 580 dwar il-Laqgha Pubblika

**xix.** PQ numru 1042 dwar resurfacing ta' toroq fil-lokalita bejn Gunju 2012 u April 2013

**xx.** PQ numru 1033 dwar zghazgh li ppartecipaw fil-Kunsilli Lokali taz-zghazagh.

**xxi.** Memo 1/2013 dwar Gheluq tas-Sena Finanzjara

**xxii.** Memo 2/2013 dwar Elezzjonijiet ghall-Kunsilli Lokali

**xxiii.** Memo 3/2013 dwar Kors fil-kitba bil-Malti

**xxiv.** Memo 6/2013 dwar awguri u ringrazzjament tas-servizz li tajtu lill-komunita'

**xxv.** Ittra minghand Direttorat ghas-Sahha tal-Pjanti dwar bexx ta' sigar tal-Palm. Is-Segretarja infurmat lill-Kunsill li kien hemm kwotazzjoni wahda ta' Nursery bl-ammont ta' elf euro kull xaharejn. Il-Kunsill qabel li peress li jinqabez l-ammont ta' kwotazzjoni għandha tinħareg offerta.

## 7 <u>Ilmenti u Suġġerimenti</u>

**i.** Il-kunsill irċieva talba mingħand residenta fi Triq il-Gidi, resident min Triq il-Lewz, resident min Triq St Indrija, resident min ta' Hamet ghal bozzoz ġodda

XEWKIJA

u Domenic Zerafa u George Zammit ircievew talba ghal bozza gdida fi Triq il-Hamrija.  George Zammit qal li hemm talba ghal bozza ohra fi Triq il-Gidi u Triq Buqqari. Il-Kunsill qabel li jibda issir l-applikazzjoni fuq dawn il-bozzoz.

ii. Il-Kunsillier George Zammit gibed l-attenzjoni li ghandha titranga t-triq Indri Borg bil-patching quddiem ir-residenza ta’ Rapa sakemm tinghata bit-tarmak.

## 8 Tmiem il-Laqgħa

Il-Laqgħa ntemmet fil-12:15 a.m.

Sue-Ellen Bugeja — Paul Azzopardi

Segretarju Eżekuttiv — Sindku